MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1457/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Maria Cassar abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip 'comprehensive' u tal-ligi u l-istess Maria Cassar**

**vs**

**Sandro Bonavia**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Lulju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u tmienja u disghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm698.88) rapprezentanti danni sofferti mill-attrici Maria Cassar u li

ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici, salv ghal Lm25.00 'Excess' imhallas mill-istess attrici, bhala rizultat tal-incident awtomobilistiku li sehh fl-20 ta' Jannar 2002 gewwa TRiq San Anard, limiti taz-Zejtun, bejn il-vettura propjeta' tal-attrici bin-numru tar-registrazzjoni BAC 735 u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAN 163 misjuqa mill-konvenut, liema ncident sehh unikament minhabba traskuragni, mperizja u n-n-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 27 ta' Gunju 2002 u dawk tal-ittra ufficjali li qed tintbghat kontestwalment ma' dan l-Att lis-socjeta' assikuratrici Elmo Insurance Agency Limited, bhala agenti tas-socjeta' estera Royal and Sun Alliance Insurance plc, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali tas-27 ta' Gunju 2002, kontra l-konvenut.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u tmienja u disghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm698.88), bl-imghax kif ,mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Gunju 2002 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz tat-Talba, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------